TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/118/11/S

Noel Camilleri

Vs

Armando Galea eżercenti l-kummerċ bħala Rotunda Department Stores u Ventura General Gas Limited

Illum 4 ta'Jannar,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Noel Camilleri datata 22 ta'Frar,2011 u r-risposta tas-soċjeta Ventura General Gas Limited datata 19 t'April,2011 filwaqt li Armando Galea eżerċenti l-kummerċ bħala Rotunda Department Stores ma ppreżentax risposta;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fil-11 ta'Novembru,2011;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda magna tal-ħasil li skont mart ir-rikorrent, bdiet bil-problemi xahar jew xaghrejn wara li inxtrat mingħand Rotunda Department Stores;

Illi jingħad mal-ewwel li mhux kontestat li din il-magna tal-ħasil kemm-il darba kellha ħsarat, bil-ħaddiema tas-soċjeta Ventura General Gas Limited imorru jsewwu tali ħsarat;

Illi mhuwiex aċċettabbli li oġġett ġdid ikollu daqshekk ħsarat apparti l-inkonvenjent li oġġett bħal magna tal-ħasil bil-ħsara ġġib magħha;

Illi r-rikorrent irid il-flus lura u għalhekk irrifjuta li tinbidel il-'motherboard' tal-imsemmija magna tal-ħasil;

Illi jinkombi lir-rikorrent li jipprova l-inkonvenjenza fir-rimedju offrut mis-soċjeta intimata u għalhekk dan it-Tribunal iħoss li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ir-rimedju offrut u ċioe li tinbidel il-'motherboard' mhuwiex biżżejjed u l-intimat Armando Galea u s-soċjeta intimata Ventura General Gas Limited għandhom jirrimpjazzaw il-magna tal-ħasil b'waħda ġdida simili għal dik mixtrija u bl-istess speċifikazzjonijiet;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' in parte t-talba tar-rikorrent Noel Camilleri u Jiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjeta Ventura General Gas Limited, fis-sens li Jordna lil Armando Galea eżerċenti l-kummerċ bħala Rotunda Department Stores solidalment flimkien mas-soċjeta Ventura General Gas Limited biex fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, jirrimpjazzaw il-magna tal-ħasil b'waħda ġdida simili għal dik mixtrija u bl-istess speċifikazzjonijiet u jikkunsinnawha lir-rikorrent bil-garanzija tibda' tiddekorri mill-jum tal-kunsinna, u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mill-intimati.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888